

2.2.2024

A9-0014/228

Emenda 228
Christophe Clergeau
f' isem il-Grupp S&D

Rapport
Jessica Polfjärd

A9-0014/2024

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Il-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni għandu jittestja u jivvalida l-metodu ta' sejba, identifikazzjoni u kwantifikazzjoni propost mill-applikant f'konformità mal-Artikolu 19(2) ***jew jivvaluta jekk l-informazzjoni pprovduta mill-applikant tiġġustifikax*** l-applikazzjoni ta' modalitajiet adattati għall-konformità mar-rekwiżiti tal-metodu ta' detezzjoni ***msemmi*** f'dak ***il-paragrafu***.

4. Il-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni għandu jittestja u jivvalida l-metodu ta' sejba, identifikazzjoni u kwantifikazzjoni propost mill-applikant f'konformità mal-Artikolu 19(2). Jekk ***l-applikant jiġġustifika*** l-applikazzjoni ta' modalitajiet adattati għall-konformità mar-rekwiżiti tal-metodu ta' detezzjoni, ***il-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni għandu jwettaq ir-riċerka u l-analiżijiet tiegħu stess ħalli jikkonferma n-nuqqas ta' fattibbiltà ddikkjarata***. F'dak ***il-każ, id-deċiżjoni tal-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni għandha tkun immotivata u ssir disponibbli għall-pubbliku***.

Or. en

2.2.2024

A9-0014/229

Emenda 229
Christophe Clergeau
f' isem il-Grupp S&D

Rapport
Jessica Polfjärd

A9-0014/2024

Pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-ġhalf tagħhom
(COM(2023)0411 – C9-0238/2023 – 2023/0226(COD))

Proposta għal regolament
Artikolu 32a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 32a

Penali u rtirar tad-deċiżjoni

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli fil-każ ta' nuqqas tad-divulgazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni mitluba fil-proċedura ta' verifika jew fil-proċedura ta' awtorizzazzjoni. L-awtorità kompetenti tista' tirtira d-deċiżjoni tagħha.

Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Id-deċiżjoni ta' rtirar trid tintbagħat bil-posta rreġistrata lill-benefiċjarju tad-deċiżjoni, li jeħtieġlu jingħata 15-il ġurnata biex jagħmel osservazzjonijiet. F'dak il-każ, il-kummerċjalizzazzjoni tal-pjanta jew tal-prodott tal-NGT hija pprojbta mill-jum ta' wara d-data li tasal l-ittra rreġistrata.

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-regoli msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien. Kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti ta' penali jew irtirar għandha wkoll tiġi nnotifikata mingħajr dewmien.

Or. en

